MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 256/2003

**Global Village English Center (Malta) Limited**

**Vs**

**Top Tours Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1366.50) rappresentanti kwantu ghal Lm90 bhala bilanc fuq somma akbar fuq fattura datata 3 ta' Lulju 2000 (kopja Dok A), kwantu ghal Lm13 skond fattura ohra datata 3 ta' Lulju 2000 (Dok B), kwantu ghal Lm354.50, skond fattura ohra datata 3 ta' Lulju 2000 (Dok C), kwantu ghal Lm354.50, skond fattura datata 3 ta' Lulju 2000 (Dok D), kwantu ghal Lm354.50, skond fattura datata 3 ta' Lulju 2000 (Dok E), kwantu ghal Lm100 skond fattura datata 24 ta' Lulju 2000

(Dok F), u kwantu ghal Lm100 skond fattura ohra datata 24 ta’ Lulju 2000 (Dok G), u dana kollu in konnessjoni ma’ servizzi ta’ taghlim tal-lingwa Ingliza provduti mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta, ghal liema servizzi s-socjeta attrici ghad mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data ta’l-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gazzetta lokali baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’l-avukat Dr. Luigi Sansone ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti a fol.2 sa 9 tal-atti processwali.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1366.50) bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-hrug tal-fatturi esebieti a fol. 2 sa 8 ta’l-atti processwali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------